NATO OTAN

AKTAR INFORMAZZJONI?
żur il-websajt tagħna:
www.nato.int

# Skopri n-NATO



## Il-ħarsien tal-persuni

Spiss ma napprezzawx biżżejjed li nistgħu noħorġu nduru liberament f'ambjent sigur u ekonomikament stabbli. Is-sigurtà fl-oqsma kollha tal-ħajja ta' kuljum hija punt ewlieni għall-benessri tagħna.

## Il-ġlieda kontra theddid ġdid

Hekk kif tinbidel in-natura tat-theddid, l-istess irid iseħħ bil-metodi taż-żamma tal-paċi. In-NATO qed torjenta mill-ġdid il-kapaċitajiet ta' difiża tagħha lejn it-theddid tal-lum. Hija qed tadatta qawwiet u qed tiżviluppa metodi multinazzjonali biex tiffaċċja t-terroriżmu, stati falluti u theddid ta' sigurtà ieħor bħalma huma l-armamenti għall-qerda tal-massa.

## It-tiswir ta' sħubijiet

It-twaqqif ta' djalogu u kooperazzjoni huwa kruċjali għal relazzjonijiet paċifiċi u ftehim internazzjonali aktar profond.

In-NATO tipprovdi opportunità unika għall-pajjiżi membri u l-pajjiżi msieħba biex jikkonsultaw ma' xulxin dwar kwistjonijiet ta' sigurtà sabiex tinbena l-fiduċja u, fuq medda twila taż-żmien, jiġi evitat il-kunflitt.

Permezz ta' kooperazzjoni prattika u inizjattivi multilaterali, il-pajjiżi qed jiffaċċjaw sfidi ġodda ta' sigurtà.

## Il-bini tal-paċi u l-istabbiltà

Il-benefiċċji tal-istabbiltà jistgħu jitgawdew simultanjament minn bosta partijiet. Huwa kruċjali li jkun hemm l-istabbiltà fir-reġjuni fejn it-tensjonijiet jippreżentaw theddid għas-sigurtà. Dan hu għaliex in-NATO għandha rwol attiv f'operazzjonijiet ta' mmaniġġjar ta' kriżi, f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra.

## Pajjiżi membri u pajjiżi fi sħubija

l-iffirmar tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana fl-4 ta' April 1949

### PAJJIŻI MEMBRI (+DATI TAL-ADEŻJONI)

L-Albanija /2009
Il-Belġju /1949
Il-Bulgarija /2004
Il-Kanada /1949
Il-Kroazja /2009
Ir-Repubblika Ċeka /1999
Id-Danimarka /1949
L-Estonja /2004
Franza /1949
Il-Ġermanja /1955
Il-Greċja /1952
L-Ungerija /1999
L-Islanda /1949
L-Italja /1949
Il-Latvja /2004
Il-Litwanja /2004
Il-Lussemburgu /1949
Il-Pajjiżi l-Baxxi /1949
In-Norveġja /1949
Il-Polonja /1999
Il-Portugall /1949
Ir-Rumanija /2004
Is-Slovakkja /2004
Is-Slovenja /2004
Spanja /1982
It-Turkija /1952
Ir-Renju Unit /1949
L-Istati Uniti tal-Amerika /1949

### PAJJIŻI FIL-PARTNERSHIP FOR PEACE (PFP)

L-Armenja
L-Awstrija
L-Azerbajġan
Il-Bjelorussja
Il-Bosnja-Ħerzegovina
Il-Finlandja
Il-Georġja
L-Irlanda
Il-Kazakistan
Ir-Repubblika Kirgiża
Malta
Ir-Repubblika tal-Moldova
Il-Montenegro
Ir-Russja
Is-Serbja
L-Isvezja
L-Isvizzera
It-Taġikistan
Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja*
It-Turkmenistan
L-Ukraina
L-Uzbekistan

### PAJJII TAD-DJALOGU MEDITERRANJU

L-Alġerija
L-Eġittu
Iżrael
Il-Ġordan
Il-Mawritanja
Il-Marokk
It-Tuneżija

### PAJJIŻI TAL-INIZJATTIVA TA' KOOPERAZZJONI TA' ISTANBUL (ICI)

Il-Baħrejn
Il-Kuwajt
Il-Qatar
L-Emirati Għarab Magħquda

* It-Turkija tirrikonoxxi lir-Repubblika tal-Maċedonja bl-isem kostituzzjonali tagħha.




# X'inhi n-NATO?

L-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana hija waħda mill-istituzzjonijiet internazzjonali ewlenin tad-dinja. Hija alleanza politika u militari li tiġbor flimkien 28 pajjiż membru mill-Ewropa u l-Amerika ta' Fuq.

Dawn il-pajjiżi jiltaqgħu biex jikkooperaw fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża. F'dan ir-rigward, in-NATO tipprovdi pont uniku bejn dawn iż-żewġ kontinenti għal kooperazzjoni politika u ta' sigurtà.

## X'tagħmel in-NATO?



In-NATO hija kommessa li tħares lill-membri tagħha permezz ta' mezzi politiċi u militari. Hija tinkoraġġixxi wkoll il-konsultazzjoni u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux membri tan-NATO f'firxa wiesgħa ta' oqsma marbuta mas-sigurtà bħalma huma r-riforma tad-difiża u ż-żamma tal-paċi.

Permezz tad-diskussjonijiet u s-sħubijiet tagħha, in-NATO tikkontribwixxi fil-prevenzjoni ta' konflitti bejn u lil hinn mill-fruntieri tal-pajjiżi membri tagħha.

Hija tippromwovi valuri demokratiċi u hija impenjata favur ir-riżoluzzjoni paċifika tad-disputi. Jekk ifallu l-isforzi diplomatiċi, għandha l-kapaċità militari meħtieġa biex twettaq immaniġġjar tal-kriżi u operazzjonijiet għaż-żamma tal-paċi waħedha jew f'kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra u organizzazzjonijiet internazzjonali.

In-NATO għandha wkoll it-tielet dimensjoni li tikkonsisti f'attivitajiet fil-qasam tal-ippjanar tal-emerġenzi ċivili, fl-għajnuna lill-Alleati u l-Imsieħba biex ilaħħqu ma' diżastri, kif ukoll biex tippromwovi l-kooperazzjoni fil-qasam tax-xjenza u l-ambjent.

## Kif taħdem in-NATO?

Kull pajjiż membru għandu delegazzjoni permanenti fil-kwartieri ġenerali politiċi tan-NATO fi Brussell. Hija mmexxija minn ambaxxatur, li jirrappreżenta l-gvern tiegħu/tagħha fil-konsultazzjoni u l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Alleanza.

Il-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana huwa l-aktar korp importanti għat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi fl-Organizzazzjoni. Huwa jiltaqa' f'livelli differenti u huwa ppresjedut mis-Segretarju Ġenerali tan-NATO li jgħin lill-membri jilħqu ftehim dwar kwistjonijiet ewlenin.

Id-deċiżjonijiet kollha f'kull wieħed mill-kumitati tan-NATO jintlaħqu b'konsensus. "Deċiżjoni tan-NATO" hija għalhekk l-espressjoni tar-rieda kollettiva tal-pajjiżi membri kollha.

In-NATO għandha ftit qawwiet permanenti tagħha. Meta tiġi miftiehma operazzjoni mill-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana, il-membri jikkontribwixxu qawwiet fuq bażi volontarja. Dawn il-qawwiet jirritornaw lejn il-pajjiżi tagħhom ladarba l-missjoni titlesta.

Huwa l-irwol tal-istruttura tal-kmand militari li tikkoordina u tmexxi dawn l-operazzjonijiet. Din l-istruttura tikkonsisti fi kwartieri ġenerali u bażijiet f'pajjiżi membri differenti.

L-attivitajiet ta' kuljum tan-NATO, l-istrutturi ċivili u militari u l-programmi f'investiment għas-sigurtà huma ffinanzjati permezz ta' baġits komuni li għalihom jikkontribwixxu l-gvernijiet tal-membri skont formula maqbula għall-qsim tan-nefqa.



© NATO 2010 - MAL